MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 1/2012/1

**Raymond u Geraldine konjugi Cassar Torreggiani**

**v.**

**Avukat Generali u John u Christine konjugi Tabone**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**[1]** Dan hu appell interpost mir-rikorrenti minn sentenza parzjali moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fis-27 ta' Settembru 2012, li ddecidiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, billi cahdet it-tielet eccezzjoni tal-intimati

konjugi Tabone u l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali, u laqghet l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet tal-intimati Tabone.

**[2]** L-appell tar-rikorrenti jirrigwarda l-parti fejn dik il-qorti laqghet l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet tal-intimati Tabone *"billi ssib li, minkejja l-interess li jista' jkollhom fl-ezitu ta' din il-kawza, m'humiex il-kontraditturi legittimi tal-pretensjonijiet attrici, u ghalhekk qieghda tehles lill-istess initmati milli jibqghu fil-kawza, bi spejjez ghar-rikorrenti."*

**[3]** Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti talbu li l-Qorti: [1] tiddikjara li fil-kaz odjern l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap.158, kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 1979 "qed jirrend[i] mpossibbli" ghar-rikorrenti li dawn jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` taghhom skont kif pattwit fil-kuntratt tas-7 ta' Marzu 1978; [2] tiddikjara li dan hu leziv ta d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, "u b'hekk taghtihom ir-rimedju li jidhrilha xieraq fis-sitwazzjoni[1]"; [3] tiddikjara l-intimati responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-applikazzjoni tal-imsemmi Att; [4] tillikwida tali kumpens u danni; u [5] tordna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat.

**[4]** Illi fl-ewwel u fil-hames l-eccezzjonijiet taghhom il-konjugi Tabone ssollevaw li huma ma kienux legittimi kontradittur f'din il-kawza. Fl-ewwel eccezzjoni spjegaw *"li ma kienux huma, izda kien il-legislatur, illi fassal, implimenta u dahhal fis-sehh il-provvediment ta' l-Att XXIII tal.1979"*, filwaqt li fil-hames eccezzjoni sostnew li ma kienux legittimi kontradittur *"fir-rigward tat-talbiet numru tlieta, erbgha u hamsa stante li tali talbiet mhumiex ezegwibbli kontra taghhom."*

Is-Sentenza Appellata

**[5]** Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[1] Sottolinear tal-Qorti

"Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali ta' tgawdija ta' possedimenti. Ir-rikorrenti jgħidu li huma qegħdin iġarrbu dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, fir-rigward ta' post tagħhom li huwa mikri lill-intimati Tabone u li, minħabba l-liġijiet fis-seħħ, la jistgħu jiħduh lura għall-użu tagħhom u lanqas qegħdin jirċievu mill-użu tiegħu dħul jew kumpens xieraq meta wieħed iqis kemm jiswa l-post fuq is-suq u kemm jiswa l-valur li bih jista' jinkera li kieku ma kienx imħares bil-liġijiet speċjali;

"Illi għal din l-azzjoni, l-intimati miżżewġin Tabone laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari u wkoll fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari msemmija jridu li (i) huma ma kinux il-kontradittturi leġittimi tat-talbiet attriċi għaliex kien il-leġislatur, u mhux huma, li fassal, implimenta u daħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979, li (ii) din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kontrihom għaliex ir-rabta kontrattwali tal-kirja tagħti din is-setgħa lil qorti oħra, li (iii) din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tużax is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' u taqta' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba r-rikorrenti għandhom mezzi xierqa ta' rimedju kontrihom skond liġijiet oħra, (iv) li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tiddikjara, tiddeċiedi, tillikwida u tikkundanna l-ħlas ta' kumpens gġall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, (v) li m'humiex il-kontradittturi leġittimi tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti billi dawk it-talbiet m'humiex eżegwibbli kontrihom u għalhekk imisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża, li (vi) r-rikorrenti ma jistgħux iressqu lmenti ta' ksur ta' jedd imħares taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li seħħew qabel it-30 ta' April, 1987, u dan għall-finijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u (vii) li f'kull każ, it-talbiet tal-ħlas tad-danni fil-konfront tagħhom waqgħu bil-preskrizzjoni tal-ħames snin;

"Illi l-intimat Avukat Ġenerali wkoll laqa' għall-azzjoni b'eċċezzjoni preliminari waħda li ma kienx il-kontradittur

leġittimu tal-azzjoni attriċi f'dak li jirrigwarda t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti. Mill-bqija, ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar l-ewwel sitt (6) eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Tabone u dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ kif joħorġu mill-atti tal-kawża sa issa, jirriżulta li rrikorrenti huma s-sidien ta' appartament li jinsab fi Triq San Ġorġ, f'San Ġiljan, li jġib in-numru wieħed (1) li jagħmel minn blokka ta' bini bl-isem ta' "*San Michel Flats*". Huma kisbuh bħala "liberu u frank" mingħand Cassar Estates Limited (soċjeta' "*anonyme*" li tagħha r-rikorrent kien ukoll wieħed mis-sħab[2]) b'kuntratt pubbliku tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 1986[3], fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono. L-imsemmi appartament kien ġie dekontrollat f'Ottubru tal-1961[4];

"Illi l-appartament inkera lill-intimat Tabone mingħand l-imsemmija Cassar Estates Limited b'kitba privata magħmula fis-7 ta' Marzu, 1978[5], għal żmien ħames (5) snin b'seħħ mill-ewwel (1), ta' Settembru 1979[6], għall-kera ta' tmienja u erbgħin lira Maltin (Lm 48) kull tliet (3) xhur, b'dan li sat-30 ta' Awissu, 1979, il-kera kellu jkun ta' għaxar liri Maltin (Lm 10) kull xahar. Għal Cassar Estates Limited deher ir-rikorrent fuq l-imsemmija kitba;

"Illi l-intimati ħallsu regolarment il-kera dovuta[7], kif aġġustata matul iż-żmien, u dan bi qbil ma' dak mitlub minnhom mir-rikorrent innifsu[8]. L-intimati joqogħdu fl-appartament bħala r-residenza tagħhom;

"Illi l-kawża nfetħet f'Jannar tal-2012;

---

2 Dok "ED1", f'paġġ. 57 sa 64 tal-proċess
3 Dok "A", f'paġġ. 6 sa 10 tal-proċess
4 Dok "Ċ", f'paġ. 12 tal-proċess
5 Dok "B", f'paġ. 11 tal-proċess
6 Minn xi dokumenti mressqin fl-atti (ara paġl 41 tal-proċess), jidher madankollu li Tabone kien diġa` jikri l-post sa minn żmien qabel ma saret il-kitba
7 Dok "JT01" sa "JT14" f'paġġ. 40 – 1 u 43 sa 53 tal-proċess
8 Dok "JT03", f'paġ. 42 tal-proċess

“Illi bħala konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami, l-Qorti jidhrilha li l-ewwel jixraq li tqis it-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimati miżżewġin Tabone. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li, jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa’ dik l-eċċezzjoni, ma jkunx għad fadal ħtieġa biex tistħarreġ la l-eċċezzjonijiet l-oħrajn u lanqas il-mertu kontestat tal-kawża;

“Illi l-Qorti tirrileva li, kontra dak li ta’ spiss isir f’kawżi ta’ din l-għamla, l-intimat Avukat Ġenerali ma ressaqx eċċezzjoni f’dan is-sens u kienu biss l-intimati Tabone li qanqluha. F’kull każ, li kieku l-Qorti ssib li dik l-eċċezzjoni hija tajba, tolqot ukoll l-azzjoni attriċi safejn indirizzata wkoll lill-intimat Avukat Ġenerali;

“Illi l-intimati jsejsu l-imsemmija eċċezzjoni tagħhom fuq l-argument li r-rikorrenti ilhom żmien li setgħu jinqdew b’rimedji proċedurali “ordinarji” quddiem qrati jew tribunali oħrajn u naqsu li jagħmlu dan. Iżidu jgħidu[9] li tali rimedji għadhom miftuħa għar r-rikorrenti jekk iridu, u dan fis-sura ta’ azzjoni għal żgumbrament, azzjoni ta’ teħid lura tal-post, azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju jew waħda għal danni u ħlas ta’ kumpens;

“Illi kif ingħad għadd ta’ drabi, l-eżistenza ta’ rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta’ fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel” minħabba l-eżistenza ta’ rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta’ fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista’ tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment imressaq quddiemha[10]. F’każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f’każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

[9] Nota ta’ Sottomissjonijiet f’paġ. 76 tal-proċess

[10] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra v. Awtorita’ tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[11] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[12];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[13]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[14]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[15];

"Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan

[11] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut v. Awtorita' tal-Ippjanar et***
[12] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[13] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[14] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[15] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et v. Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

il-każ, kienu l-intimati Tabone li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedji oħra li kellhom għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tal-istess intimati li juru b'mod tajjeb li r-rikorrenti tassew kellhom dak ir-rimedju u li naqsu li jinqdew bih jew li għadhom jistgħu jinqdew bih;

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[16]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[17];

"Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[18];

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis

[16] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et***
[17] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri v. Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[18] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 133

jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[19]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[20]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[21];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[22];

---

[19] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia v. L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[20] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[21] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[22] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq v. Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

"Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'. Xi wħud mir-rimedji li l-intimati jsemmu jistgħu jgħoddu biss għal kwestjonijiet bejnhom u r-rikorrenti, iżda bl-ebda mod ma jistgħu jistħarrġu l-kwestjonijiet imqanqlin mill-ilment tal-ksur ta' jedd fundamentali li r-rikors promotur tar-rikorrenti jmiss b'qawwa. Xi rimedji oħrajn suġġeriti – bħal dak dwar azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – lanqas biss tkun tista' ssir, ladarba dak li jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa l-effett u s-siwi ta' liġi, u liġi bl-ebda mod ma taqa' taħt it-tifsira ta' "għamil amministrativ"[23]. Minbarra dan, jekk wieħed jirreferi għall-possibilita' ta' xi azzjoni quddiem it-tribunal kompetenti – il-Bord li Jirregola l-Kera – kif propost mill-intimati, xorta waħda l-azzjoni tar-rikorrenti dwar l-ilment ta' ksur ta' jedijiet fundamentali ma tkunx tista' titqajjem quddiem dak il-Bord, ladarba l-kompetenza tiegħu hija determinata strettament minn dak li tagħtih il-liġi li waqqfitu, u minħabba li lanqas jekk tqum "kwestjoni kostituzzjonali" quddiemu ma huwa f'qagħda li jagħmel riferenza lil din il-Qorti skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(3) tal-Kap 319[24]. Dan kollu juri li l-ebda wieħed mir-rimedji msemmija mir-rikorrenti ma jista' jindirizza l-ilment tar-rikorrenti f'dak li jolqot il-ksur minnhom pretiż tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;

"Illi għalhekk din it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati Tabone m'hijiex sejra tintlaqa' u l-Qorti ssib li għandha twettaq is-setgħat tagħha partikolari biex tqis l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali pretiż;

"Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali u kif ukoll **l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimati Tabone. Dan sejra tagħmlu billi tqishom flimkien;

"Illi l-intimat Avukat Ġenerali jillimita din l-eċċezzjoni tiegħu dwar uħud biss – it-tielet, ir-raba' u l-ħames – mill-ħames talbiet imressqa mir-rikorrenti. Min-naħa tagħhom, l-intimati Tabone jgħidu li huma ma jistgħu jwieġbu għall-

[23] App. Ċiv. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ v. Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[24] Ara Kost. **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet v. Licari et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXVIII.i.297**)

ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti (l-ewwel eċċezjoni preliminari tagħhom), iżda wkoll, b'mod partikolari għat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tagħhom (il-ħames eċċezzjoni). Ir-rikorrenti jwarrbu dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet u jisħqu[25] li kemm l-Avukat Ġenerali u kif ukoll il-miżżewġin tħarrku sewwa u t-tnejn kellhom ikunu fil-kawża minħabba fl-interess li huma għandhom fl-eżitu tal-kawża;

"Illi l-kwestjoni ta' min huwa l-leġittimu kontradittur xieraq f'azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwestjoni tal-interess ġuridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali huwa l-għoti ta' rimedju xieraq għal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;

"Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min għandu jwieġeb għall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun involut f'kawżi bħal dawn. Biż-żmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingħaraf kontra min kawża bħal din imissha titressaq[26]. Il-ħsieb dejjem kien li eċċezzjoni bħal din m'għandhiex isservi biex jitwal il-proċess tas-smigħ tal-ilment fil-mertu, imma biex jiġi mistħarreġ min tassew jista' jagħti r-rimedju f'każ li jirriżulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq[27]. Mad-dħul fis-seħħ fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern fil-kawżi, jidher li tqies li l-problema tal-leġittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba għal dejjem. Dan l-iżjed minħabba li l-artikolu 181B ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti minn Titolu tal-Kodiċi li d-dispożizzjonijiet tiegħu "jgħoddu għall-qrati kollha"[28];

"Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ċċarax għal kollox il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur

---

[25] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 82 tal-proċess
[26] Per eżempju, ara Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela v. Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**)
[27] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et***
[28] Art. 193 tal-Kap 12

fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn liġi jew strument ieħor li għandu s-saħħa ta' liġi. Il-Qrati ma jidhirx li stħarrġu dan il-punt espressament, għalkemm jidher li alludew għalih *obiter*[29]. Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vot ukoll. Din il-Qorti nnifisha kienet tal-fehma li l-Avukat Ġenerali kien igawdi setgħa proċedurali wiesgħa li jassumi fil-persuna tiegħu r-rappreżentanza tal-Gvern f'kull kawża li ma tkunx tista' titressaq kontra direttur dipartimentali u tat ukoll sentenza f'dan is-sens ukoll dwar eċċezzjoni simili[30];

"Illi fi studju analitiku li sar dwar il-proċedura "kostituzzjonali", b'riferenza għall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "*It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist*"[31]. Din it-tifsira turi li, f'ċerti każijiet, ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali jista' jkun indirizzat lejn persuna li la hija kap ta' dipartiment governattiv u lanqas kontra l-Avukat Ġenerali bħala rappreżentant tal-Gvern, imma lejn esponenti ieħor tal-Gvern;

"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li

[29] Ara, per eżempju, Kost. **12.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma noe et v. Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.1**), u P.A. (Kost) TM **21.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Harry Vassallo noe v. Kummissarju Elettorali Prinċipali et***

[30] P.A. Kost **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Caruana v. Onorevoli Prim Ministru*** (mhix appellata)

[31] Mifsud Bonniċi Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms (2004) paġ. 64

jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[32]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

"Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża, wieħed isib li hija l-liġi nnifisha li qiegħda tkun attakkata bħala dik li biha huma qegħdin iġarrbu ksur ta' jedd fundamentali tagħhom. Huwa minnu li huma m'humiex qegħdin jattakkaw is-siwi nnifsu tal-liġi, iżda huma qegħdin jilmintaw minn liġi li, bil-mod kif titħaddem, iġġibilhom ħsara fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Minbarra dan, qegħdin jitolbu li jingħataw rimedju (kumpens) minħabba l-effetti ta' dik il-liġi;
"Illi, jekk il-każ tar-rikorrenti jittieħed f'dan id-dawl, jiġi li, filwaqt li l-azzjoni tar-rikorrenti kontra l-intimat Avukat Ġenerali tressqet sewwa kontrih, ma jistax jingħad l-istess dwar l-intimati miżżewġin Tabone;

"Illi, dwar l-intimat Avukat Ġenerali, jibda biex jingħad li huwa nnifsu ma semma xejn dwar il-post xieraq tiegħu biex jikkumbatti l-ewwel żewġ tabiet tar-rikorrenti. Il-Qorti tifhem li, t-talbiet l-oħra huma dipendenti fuq l-ewwel żewġ talbiet u b'dan il-mod, l-Avukat Ġenerali qajla jista' jgħid li ma huwiex il-kontradittur leġittimu dwarhom ukoll. Minbarra dan, minħabba l-aspett essenzjalment pubbliku tal-azzjoni mibdija mir-rikorrenti, l-Avukat Ġenerali ma wera bl-ebda mod min hija dik l-awtorita' pubblika li, f'każ li l-ewwel żewġ talbiet jinstab li huma mistħoqqa, trid tagħmel tajjeb għar-rimedju mistenni mir-rikorrenti;

"Illi, min-naħa l-oħra, l-intimati miżżewġin Tabone għandhom raġun jgħidu li huma la kellhom x'jaqsmu meta għaddiet il-liġi, la kienu huma li daħħluha fis-seħħ u lanqas kienu huma l-awtorita' li ippromulgatha. Il-qagħda

[32] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela v. Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et***

tagħhom f'din il-kwestjoni hija biss li huma nqdew bil-jeddijiet li tathom l-imsemmija liġi u mxew magħha. Minħabba f'hekk, la jistgħu jagħtu rimedju lir-rikorrenti u wisq anqas jistgħu jinstabu ħatja li qegħdin jikkommettu l-ksur ilmentat. Kif ingħad, ir-rikorrenti jisħqu li l-intimati huwa posthom fil-kawża minħabba li, bħala l-kerrejja tal-post, għandhom tabilfors interess qawwi fl-eżitu tagħha;

"Illi, kif ingħad aktar qabel, l-interess tal-intimati f'dak li jista' jseħħ ma jissarrafx minnu nnifsu f'leġitimazzjoni passiva tal-azzjoni tar-rikorrenti, l-aktar meta wieħed iqis it-termini partikolari ta' azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Huwa minnu li l-intimati seta' kellhom interess li jintervjenu fil-kawża wkoll kieku ma kenux imħarrkin, iżda dan is-sehem tagħhom fil-kawża kien ikun bħala "*amicus curiae*" fid-determinazzjoni tal-kwestjoni jew, fl-aqwa ipoteżi, għal għanijiet ta' integrita' tal-ġudizzju;

"Illi, madankollu, l-Qorti tqis li minn kif inhija mfassla l-azzjoni tar-rikorrenti, ma jistax iwassal li l-intimati (ladarba għażlu din il-linja ta' difiża) għandhom ikunu huma li jwieġbu għall-ilmenti tal-istess rikorrenti, u wisq anqas li jkunu huma li jagħtu l-kumpens mitlub. Wara kollox, jekk wieħed iħaddem il-prinċipju li *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, wieħed qajla jista' jara kif l-intimati Tabone, talli qegħdin jinqdew minn ħarsien u jedd li tagħtihom liġi u fil-limiti ta' dik il-liġi, jistgħu jkunu ħatja ta' ksur ta' jedd ta' ħaddieħor (is-sid tal-post);

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li għandha tiċħad l-eċċezzjoni safejn din tressqet mill-intimat Avukat Ġenerali, iżda tilqagħha safejn tressqet (taħt iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari relativi) mill-intimati miżżewġin Tabone;

"Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma dwar il-qagħda tal-intimati Tabone f'din il-kawża, ma tarax il-ħtieġa li tidħol biex tqis **l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn** tagħhom u għalhekk sejra tastjeni milli tikkunsidrahom;
Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**"Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati** miżżewġin Tabone u tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża billi ma ngħatawx raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti tastjeni milli tisma' l-każ;

**"Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat** Avukat Ġenerali billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**"Tilqa' l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati** miżżewġin Tabone billi ssib li, minkejja l-interess li jista' jkollhom fl-eżitu ta' din il-kawża, m'humiex il-kontradittluri leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi u għalhekk qiegħda teħles lill-istess intimati milli jibqgħu aktar fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**"Tastjeni milli tqis l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn tal-intimati** miżżewġin Tabone, fid-dawl tad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' qabilha; u

**"Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-każ fil-mertu**."**

## L-Appell tar-rikorrenti

**[6]** In sostanza l-aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens li bl-estromissjoni mill-kawza tal-intimati konjugi Tabone din il-Qorti *"jekk issib it-talbiet attrici huma fondati ma tkunx tista' taghti r-rimedju effettiv ta' zgumbrament kif mitlub mit-tieni talba ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom, u ghalhekk l-intimati Tabone ghandhom jibqghu in kawza."*

**[7]** Huma jsostnu li l-uniku rimedju xieraq u effettiv li jista' jinghata lir-rikorrenti huwa l-ordni sabiex dawn l-intimati jizgumbraw mill-fond inkwistjoni.

**[8]** Ghalhekk talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma c-cahda taghha tat-tielet eccezzjoni preliminari tal-konjugi Tabone u c-cahda taghha tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, waqt li tirrevokaha inkwantu laqghet l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet preliminari tal-intimati u

konsegwentement tichad dawn l-eccezzjonijiet tal-konjugi Tabone, u tikkunsidrahom bhala legittimi kontradritturi f'din il-kawza.

**[9]** Il-Qorti rat ir-risposta tal-Avukat Generali li biha rrimetta ruhhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, wara li ghamel is-segwenti osservazzjonijiet: [1] li l-inkwilini ghandhom interess guridiku sabiex ikunu parti fl-azzjoni odjerna stante li l-ezitu ta' din l-azzjoni tikkoncernahom; [2] li talba ghall-izgumbrament tal-intimati Tabone ma ghandhiex tintalab b'mod generali fl-istadju ta' appell, izda kien imissha ntalbet b'mod specifiku fir-rikors promotur; [3] li fil-kaz li din il-Qorti ssib lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti, kif pretiz minnhom, "dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun fiha nfisha rimedju gust u effettiv bizzejjed", filwaqt li l-kuncett ta' kumpens ghall-ksur ta' drittijiet fundamentali huwa kompletament distint mill-kuncett ta' danni civili.

**[10]** Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimati, konjugi Tabone, li, ghar-ragunijiet hemm indikati, oggezzjonaw ghat-talba tal-appellanti, u talbu li l-appell jigi michud, u s-sentenza appellata tigi konfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**[11]** Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, kif ritenut fil-gurisprudenza lokali, biex gudizzju jkun integru jehtieg li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawza. B'hekk tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu partecipi fih, kif ukoll jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm bzonn ta' ripetizzjoni ta' proceduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed. Il-gudizzju jibqa' integru mill-mument li jiehdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra taghhom dak l-istess dritt jikkompeti[33].

---

[33] *App.Civ.**Joseph Borg v. Francis Vassallo** [2000] Vol.LXXXIV.II.42; App.C.**Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico** 15.01.1992.*

**[12]** Fil-kaz in dizamina, ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-applikazzjoni fil-konfront taghhom tal-Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa leziv tad-dritt fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta`, inkwantu dan l-Artikolu, kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 1979, huwa ta’ ostakolu legali ghalihom biex jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` taghhom minghand l-inkwilini, l-intimati konjugi Tabone, wara li kien skada l-perjodu lokatizju ta’ hames snin pattwit fl-iskrittura privata tas-7 ta’ Marzu 1979. Inoltre, fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed jitolbu li jinghataw rimedju xieraq.

**[13]** Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-intimati konjugi Tabone, bhala inkwilini tal-fond *de quo*, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat taghhom jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, ghandhom interess guridiku u ghalhekk ikunu partecipi fil-kawza li jista’ jkollha effetti legali anke fuqhom.

**[14]** Inoltre, din il-Qorti tosserva li l-istadju li fih ghadha l-kawza, mhuwiex opportun li jigi diskuss il-punt tar-rimedju xieraq, meta ghadu ma giex deciz il-punt pre-ordinat ghall-istess, u cioe` jekk fil-fatt tezistix il-lezjoni pretiza mir-rikorrenti ghad-drittijiet fundamentali taghhom.

**[15]** Ghaldaqstant l-aggravju huwa gustifikat, u ser jigi milqugh.

**<u>Decide</u>**

Ghal ragunijiet premessi, tilqa’ l-aggravju tar-rikorrenti, u tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu laqghet l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, u minflok, tichad dawn l-eccezzjonijiet, b’mod li l-intimati konjugi Tabone ghandhom jibqghu fil-kawza.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ikunu fuq l-intimati Tabone.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------